



II-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 128/13
il-Lussemburgo, 7 ta' Ottubru 2013

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Imħallfin ġodda tal-Qorti tal-Ġustizzja u tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

Udjenza solenni tas-7 ta' Ottubru 2013

Sussegwentement għar-riżenja ta' Jean-Jacques Kasel, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Ġunju 2013, ħatru lil François Biltgen bħala Mħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu li fadal mill-mandat ta' Jean-Jacques Kasel, jiġifieri sas-6 ta' Ottubru 2015.

Sussegwentement għar-riżenja ta' Irena Boruta, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Settembru 2013, ħatar lil Jesper Svenningsen bħala Mħallef tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għall-perijodu bejn l-1 ta' Ottubru 2013 u t-30 ta' Settembru 2019.

Fl-okkażjoni tat-teħid tal-ġurament u tad-dħul fil-kariga ta' dawn iż-żewġ Membri ġodda, illum inżammet udjenza solenni fis-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

François Biltgen

imwied fl-1958; master fil-liġi (1981) u diploma ta' studji approfonditi fid-drift Komunitarju mill-Università tad-dritt ekonomiku u tax-xjenzi soċjali ta' Pariġi II (1982); diploma mill-Institut d'études politiques ta' Pariġi (1982); avukat affiljat mal-kamra tal-avukati tal-Lussemburgo (1987-1999); membru tax-Chambre des députés (1994-1999); konsulent muniċipali tal-belt ta' Esch-sur-Alzette (1987-1999); membru tal-kulleġġ amministrattiv tal-belt ta' Esch-sur-Alzette (1997-1999); membru supplenti tad-delegazzjoni Lussemburgiża fi ħdan il-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea (1994-1999); Ministro tax-xogħol u tal-impieg, Ministro tal-affarijiet reliġjużi, Ministro tar-relazzjonijiet mal-Parlament, Assistant Ministro tal-komunikazzjoni (1999-2004); Ministro tax-xogħol u tal-impieg, Ministro tal-affarijiet reliġjużi, Ministro tal-kultura, tal-edukazzjoni superjuri u tar-riċerka (2004-2009); Ministro tal-ġustizzja, Ministro tas-servizz pubbliku u tar-riforma amministrattiva, Ministro tal-edukazzjoni superjuri u tar-riċerka, Ministro tal-komunikazzjoni u tal-mezzi tax-xandir, Ministro tal-affarijiet reliġjużi (2009-2013); ko-President tal-Konferenza ministerjali tal-proċess ta' Bologna fl-2004 u fl-2009; ko-President tal-Konferenza ministerjali tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (2012-2013); Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2013.

Jesper Svenningsen

Imwied fl-1966; studji fid-drift (*Candidatus juris*), Università ta' Aarhus (1989); Avukat stagiaire mal-konsultent legali tal-Gvern Daniż (1989-1991); Référendaire mal-Qorti tal-Ġustizzja (1991-1993); ammess fil-kamra tal-avukati tad-Danimarka (1993); Avukat mal-konsultent legali tal-Gvern Daniż (1993-1995); inkarigat mill-kors fid-drift Ewropew fl-Università ta' Kopenħagen; okkupa l-pożizzjoni ta' *maître de conférences* fl-uffiċċju tal-Lussemburgo tal-Institut européen d'administration publique, u sussegwentement aġġent direttur (1995-1999); Amministratur fi ħdan is-servizz legali tal-Awtorità tas-Sorveljanza EFTA (1999-2000); Ufficijal tal-Qorti tal-Ġustizzja (2000-2013); Référendaire (2003-2013); Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-7 ta' Ottubru 2013.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-udjenza solenni jkunu disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106